MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH BONNICI

Seduta ta' l-20 ta' Gunju, 2005

Talba Numru. 316/2005

**Louis Chircop u Carmelo Chircop ezercitanti in-negozju L&C Chircop**

**Vs**

**Elite Food Services Co Ltd**

It-Tribunal,

Wara li ra t-talba attrici ghal hlas ta’ Lm798.74 (seba` mija tmienja u disghin Lira Maltin u erba` u sebghin centezmu) dovuti ghal bejgh u konsenja ta’ merkanzija.

Bl-ispejjez u interessi kontra s-socjeta` konvenuta ingunta ghas-subizzjoni

Wara li rat in-Nota, tal-mistoqsijiet ta’ l-attur sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Art 698 (2) u 702 tal-Kap 12 u Art 13 (b) tal-Kap 380.

Billi ghalkemm notifikat regolarment fit-22 ta' April 2005 il-konvenut naqas u ma dehrx meta gew ipprezentati fis-16 ta' Mejju 2005 l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Jiddeciedi billi jilqa it-talbiet attrici bl-ispejjez u interessi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------